MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 84/2007

**B V**
**vs**
**S V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment minhabba eccessi u ngurji gravi da parti ta’ zewgha, wara li dawn kienu ilhom aktar minn erba’ snin mizzewwgin; li minn dan iz-zwieg ma hemmx tfal minuri; li l-attrici telqet mid-dar konjugali, u r-ragel zamm id-dar konjugali kif ukoll l-effetti kollha mobbli personali u parafernali taghha, u kull sehem mill-kommunjoni ta’ l-akkwisti; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi biex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara s-separazzjoni personali bi htija taz-zewg partijiet, jew inkella li z-zwieg tkisser

irrimedjabbilment; [2][3] ixxolji, tillikwida u tassenja l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, nofs kull wiehed; [4] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha ‘Grech’; [5] tiddikjara li l-partijiet iddekadew minn kull dritt ta’ successjoni u minn kull dritt ta’ manteniment kontra xulxin; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut iddikjara [1] li hu jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiert, ghaliex iz-zwieg thassar irrimedjabbilment; [2] li l-attrici hija unikament responsabbli ghal dan, minhabba adulterju, ingurji gravi, sevizzi, u abbandun; [3] li l-artikolu 48 ghandu jigi applikat bis-shih kontra l-attrici;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li hi nserita fil-process a fols.31- 33 u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata ta’ l-attrici rikonvenzjonata, u li hi nserita fil-process a fol.37 u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni u tal-kontro-talba, il-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali bejniethom stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, ghal ragunijiet imputabbli lil xulxin;

skond l-attrici fit-termini ta’ l-artikolu 40, filwaqt li skond il-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligiijiet ta’ Malta; qed jitolbu wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta’ Jannar 1977 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, Mariella u

Anthony, li llum it-tnejn huma maggjorenni. F' Jannar 1997 l-attrici telqet mid-dar konjugali.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tghid li d-dizgwid bejn il-partijiet beda mill-bidunett taz-zwieg, dovut ukoll ghall-fatt li l-konvenut kien jigi mghawwi kontra taghha minn zijuha tar-rispett. Il-konvenut ma kienx jirrispettaha, u kien jheddidha bl-inkolumita' taghha, jahqarha u "qatt ma waqaf jerfa' jdejh fuqi."[1] Kien jghajjarha skjava u irsira tieghu u li kienet qeda hemm biex tnaddaf u sajjar. Inoltre, kien ihalliha nieqsa mill-flus ghall-bzonnijiet tal-hajja.

Tghid li, eventwalment ma felhitx tghix aktar mal-konvenut, u f' Jannar 1997 kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali flimkien mat-tifla taghha.

Illi, ghajr ghall-allegazzjoni ta' swat, it-tezi ta' l-attrici ssib konfort fix-xhieda tat-tifla taghhom Mariella V.

*Verzjoni Konvenut*
Illi l-konvenut jichad li hu kien jahqar lill-attrici jew li kien isawwatha matul il-konvivenza matrimonjali; jichad ukoll li kien xhih maghha u li ma kienx jaghtiha flus bizzejjed ghal hajja.

Jghid li fit-13 ta' Settembru 1996 meta huwa mar lura d-dar sab li l-mara u t-tifla ma kienux hemm, u nnota li kien hemm diversi oggetti mobbli. Il-konvenut jghid li t-tifel Anthony kien qallu li l-attrici kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' S Xuereb li kien joqghod bieb ma' bieb maghhom, u li din l-istorja kienet ilha ghaddejja erba' snin, izda lil missieru ma' kien qallu xejn.

Din il-verzjoni tal-fatti ssib konfort fix-xhieda ta' l-istess Anthony V li jikkonferma li ommu l-attrici kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' l-imsemmi S Xuereb matul il-konvivenza mal-konvenut, u li din ir-relazzjoni adulteruza ta' l-attrici kienet ilha serja erba' snin qabel ma hi telqet mid-dar konjugali. Jghid li huwa kien zamm sieket dwar

---
[1] Fol.41

din ir-relazzjoni biex ma jaqlax swat minghand l-attrici u l-imsemmi habib taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti hi tal-fehema li l-attrici rnexxilha tipprova sodisfacentement li fil-hajja konjugali mal-konvenut hija kienet issofri komportament abbuziv da parti tieghu, ghalkemm mhux swat. Jirrizulta provat li hu kien ihalliha nieqsa mill-flus, kien jghajjarha, u kien nsensittiv fil-konfront taghha – fi kliem iehor kien jistmaha ta' seftura u mhux bhala martu. Dan il-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu kien rrenda nsapportabbli ghaliha l-konvivenza mal-konvenut. Dan jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap precitat.

Illi minn naha l-ohra l-attrici fl-ebda stadju ma cahdet l-adulterju mputat lilha, u sussegwentement konfermat minn Anthony V, bin-il partijiet; u ghalhekk il-Qorti hija tal-fehema li l-adulterju jinsab sodisfacentement provat fil-konfront ta' l-attrici. Ghalkemm hija xierqa l-osservazzjoni li, fuq bazi ta' probabbilita', din ir-relazzjoni adulteruza da parti ta' l-attrici kienet konsegwenza tal-hajja mdejjqa li hi kienet tghix mal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dana ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 imputabbli lill-konvenut, kif ukoll ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 38 imputabbli lill-attrici.

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti [1] fl-inkwilinat tad-dar matrimonjali , u [2] fl-oggett mobbli elenkati fin-nota guramentata ta' l-attrici taht il-partita hamsa [5], li tinsab a fols.47 u 48 tal-process u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti minnu [Appendici C]

Illi l-Qorti qed tassenja l-inkwilinat tad-dar, li qabel kienet isservi bhala d-dar konjugali, lill-konvenut li huwa awtorizzat jghix fl-istess fond ad eskluzjoni ta' l-attrici. Huwa pero' ghandu jikkonsenja lill-attrici, fi zmien

gimgha, l-oggetti mobbli ndikati that il-partita erba [4] li huma parafernali taghha.

Illi l-oggetti mobbli kollha ndikati that il-partita hamsa [5] ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; u fin-nuqqas ta’ pjan ta’ qasma pattwit bejniethom, allura dawn l-oggetti ghandhom jigu stmati minn Vincent Ciliberti li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet; u sussegwentement jigu divizi f’ zewg porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati lill-partijiet bix-xorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiiet, bi htija taz-zewg partijiet;

[2] tilqa’ t-tieni u t-tielet talba u xxolji l-kommunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata ‘Kommunjoni ta’ l-Akkwisti.’;

[3] tilqa’ r-raba’ talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha ‘Grech’;

[4] tilqa’ l-hames talba u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi:

[1] tilqa’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba fis-sens gja fuq deciz;

[2] tichad ir-raba’ talba;

L-ispejjez, kemm ta’ l-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba, jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------